# LIL DUN KARM

M'għandix x'nagħtik, Dun Karm, għax bħalek fqajjar
riditni d-dinja. U jien nixtieq f'idejja
ma nsibx , jaħasra, l-baħħ quddiem għajnejja
ħa nroddlok x'taf il-qalb qabel għajnejja.

Għax jiena mxejt warajk, mill-Ġmiel imħajjar,
u rajtek tifrex fuq il-qalb għannejja
idek għatxana : u l-ħolm ferrixtli ħdejja...
ħolm tal-ħarir... u l-għana smajt tax-xmajjar.

W issa qed tħabbar li se' tgħib minn magħna,
u x-xtiewi smajtek tgħodd wara li wrejtni
li jibqa', sa ma tmut, sehmek il-Għana.

Ħa jżernaq għada : inti ma tmutx. Xi darba
għad tmil ix-xemx; imbagħ'd, bħalm'hawn derrejtni,
sienni hemm ġo qabrek u isma' l-karba.

FRAN. CAMILLERI.